



Brussell, 14 ta' Novembru 2022
(OR. en)

14360/22

LIMITE

CORLX 1036
CFSP/PESC 1487
COARM 228
COEST 807
CODUN 57

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill b'appoġġ għall-isforzi tal-Ukrajna għall-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' armi, munizzjon u splussivi, f'kooperazzjoni mal-OSKE

1. Fit-2 ta' Diċembru 2019, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/2009 b'appoġġ għall-Isforzi tal-Ukrajna għall-Ġlieda Kontra t-Traffikar Illeċitu ta' Armi, Munizzjon u Splussivi, f'kooperazzjoni mal-OSKE.
2. L-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/2009 jistipula li għandha tiskadi 36 xahar wara l-konklużjoni ta' ftehim mal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE). F'konformità mal-Artikolu 3(3) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/2009, il-Kummissjoni kkonkludiet ftehim ta' kontribuzzjoni mal-OSKE għal perjodu ta' implimentazzjoni li jintemm fit-23 ta' Diċembru 2022.
3. Fil-11 ta' Awwissu 2022, l-OSKE talbet estensjoni tal-azzjoni mingħajr spejjeż ta' 13-il xahar, minħabba l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq l-implimentazzjoni u s-sitwazzjoni attwali tas-sigurtà fl-Ukrajna.
4. Fil-15 ta' Settembru 2022, il-Grupp ta' Ħidma dwar in-Nonproliferazzjoni (CONOP) qabel mat-talba.

5. Fit-3 ta' Novembru 2022, ir-Rappreżentant Għoli ppreżenta lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2019/2009 tat-2 ta' Diċembru 2019 b'appoġġ għall-isforzi tal-Ukrajna għall-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' armi, munizzjon u splussivi, f'kooperazzjoni mal-OSKE (dokument 14358/22).
6. Fl-10 ta' Novembru 2022, il-Grupp ta' Ħidma ta' Kunsillieri għar-Relazzjonijiet Barranin (RELEX) qabel dwar it-test tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill.
7. Il-COREPER huwa għaldaqstant mistieden:
- jikkonferma l-qbil dwar l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill;
 - jirrakkomanda li l-Kunsill jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2019/2009 tat-2 ta' Diċembru 2019 b'appoġġ għall-isforzi tal-Ukrajna għall-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' armi, munizzjon u splussivi, f'kooperazzjoni mal-OSKE, kif tinsab, wara l-finalizzazzjoni mill-ġuristi lingwisti, fid-dokument 14359/22;
 - jiddeċiedi li d-Deċiżjoni tal-Kunsill tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.